**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 96 / 15RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra [10] ta' Lulju, 1993 u dan skont ma jixhed ic-Certificat taz-Zwieg taghhom u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, illum maggorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom sseparati de facto minn xulxin sa mis-sena 1996;

3. Illi l-partijiet m'humiex legalment separati u qatt ma ressqu talba ghas-separazzjoni personali quddiem din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi ghaldaqstant, ghaddew aktar min erba' snin minn meta il-partijiet ma baqawx jghixu flimkien u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet ta'din l-Onorabbli Qorti datat sittax [16] ta' Marzu, 2015;

6. Illi f’dawn il-proceduri l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Davina SullD gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-ghajnuna legali;

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg stante illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat;

3. Ixxolii l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon wiehed lir-rikorrenti u l-iehor lill-intimat, okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fl-istess att;

4. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jinsab minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi huwa gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali.

Illi kwantu ghat-talbiet attrici l-eccipjenti jirrileva illi:

(a) Kwantu ghall-ewwel talba attrici jigi rilevat illi m'hemmx oggezzjoni ghal pronunzjament tal-hall taz-zwieg b'dan illi m'hemm ebda kwistjoni ta' manteniment u lanqas arretrati tal-istess,

(b) Illi kwantu ghat-tieni talba jigi rilevat li m'hemmx dar matrimonjali x'tigi r-rikorrenti ordnata tibqa tghix fiha peress illi ma hemm ebda dar matrimonjali. Li kien hemm dar mikrija snin ilu mill-Gvern li regghet giet mghoddija lura lill-Lands.

(c) Illi kwantu ghat-tielet talba m'hemmx oggezzjoni b'dan illi m'hemm assolutament xejn x'jigi maqsum u likwidat.

(d) Kwantu ghar-raba talba jigi rilevat illi l-artikolu 48 tal-Kap 1-6 ghandu japplika fil-konfront taz-zewg Partijiet.

(e) Kwantu ghal hames talba m'hemmx oggezzjoni li jigi registrat id-divorzju.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hi ingunta ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-attrici tal-25 ta' Ottubru 2016, li maghha annettiet l-affidavit taghha mahluf fl-istess gurnata;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-24 ta' JAr 2017 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin la fir-rigward ta' manteniment u l-anqas rigward id-dar matrimonjali li skont il-konvenut ilu li irritorna c-cwievet lill-Lands Department mis-sena 2013; iddikjaraw ukoll li ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mis-sena 1996 u li ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni; gie; dikjarat mill-Qorti li l-istadju tal-provi kien maghaluq u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici fl-affidavit taghha, Fol 39 iddikjarat li meta kellha xi hmistax jew sittax il-sena u kienet ghadha tghix mal-genituri taghha, ommha kienet ftehemet ma' omm D biex ilaqqghu lil uliedhom ghaz-zwieg, kienu ltaqghu l-Belt u minn dakinhar bdew johorgu flimkien. Wara xi tlett xhur izzewgu civilment. Fil-bidu taz-zwieg kienu jghixu ma' ommu f'Saint Andrew's, wara xi zmien sabu post ghall-kiri fl-Isla, li xtrawh bil-prezz ta' LM500 pero' saru jafu li l-post kien ikkundAt u ma setghux jibqghu jghixu fih. Marru il-Qorti u hadu l-flus lura.

L-attrici harget tqila bit-tifel u D darba kien heddidha fuq it-telephone u bezghet u waqt li kienet ghadha tqila bit-tifel marret Merhba Bik.  Wara t-tqala qabbditha 'post- natal depression' u dahlet fl-Isptar Mount Carmel.

It-tifel, Brandon C llum ghandu 20 sena.  Ghall-ewwel it-tifel kien f'dar tat-tfal u eventwalment gie fostered minn familja u sa fejn taf hi t-tifel ghadu jghix ma' din il-familja.

Il-konvenut kien jmur jara lit-tifel meta l-attrici kienet ghadha fid-dar Merhba Bik.

L-attrici kkonfermat li ilhom is-snin separati, lanqas tiftakar kemm, pero' taf li ilhom ma jghixu flimkien minn meta giet rikoverata fl-Isptar Mount Carmel u dan kien ftit zmien wara li twieled it-tifel.

Il-konvenut kien prezenti ghas-seduta tal-24 ta' JAr 2017 izda ma xehedx u l-avukat tieghu ddikjara li ma kellux kontroezami x'jaghmel lill-attrici.

Fl-istess seduta il-partijiet qablu li ma kellhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin la ta' manteniment u l-anqas dwar d-dar matrimonjali u kkonfermaw li ilhom ma jikkoabitaw mis-sena 1996 u ma hemm l-ebda possibilta' ta' rikonciljazzjoni.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-Artikolu 66B tal-Kap 16 jelenka l-kondizzjonijiet mehtiega ghall-divorzju.

Il-Qorti jinhtieg li tkun sodisfatta li fid-data li jibdew il-proceduri tad-divorzju l-mizzewgin jkunu ghixu mhux flimkien ghal erba snin matul il-hames snin immedjatament precedenti, ma jkun hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, u li m'hemmx kwistjonijiet dwar manteniment.

Irrizulta li l-partjiet izzewgu fl-10 ta' Lulju 1993, (cetifikat taz-zwieg market DOK A Fol 4.) It-tifel tal-partijiet twieled fis-6 ta' Frar 1996, (certifikat tat-twelied markat DOK B Fol 5). Hu illum ghandu 21 sena u ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment mill-genituri stante li hu maggjorenni u ma rrizultax li qed isegwi kors ta' studju full-time.

Ir-rikors promotur gie ppresentat fit-28 ta' April 2015 u l-partijiet ikkonfermaw li ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mis-sena 1996 u ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni.

Jirrizulta ghalhekk li l-kundizzjonijiet impost mill-Artikolu citat 'supra' fil-kaz in ezami gew interament soddisfatti u f'dawn ic-cirkostanzi t-talba ghall-hall taz-zwieg timmerita li tigi milqugha.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti ma rrizultaw ebda assi x'jigu divizi. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa indikat illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 ta' Kap 16 jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna il-hall taz-zwieg tal-partijiet peress li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment;

2. Tichad it-tieni talba attrici peress li d-dar matrimonjali ma ghadiex fil-pussess tal-partijiet;

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet;

4. Tilqa' parzjalment ir-raba talba attrici u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjoniijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici..

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**